# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 407/2015/VG**

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**vs**

**Joseph MIFSUD [ID. Nru. 503455M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn u erbgha u sebghin euro u sebgha u erbghin centezmi ta' euro [€2, 074.47c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Is-socjeta attrici Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet "Thomas Smith Insurance Agency Limited et vs Joseph Mifsud et" [Arbitragg Mandatarju Numru M2424/2010] deciza mic-Centru Malti tal-Arbitragg fis-27 ta' Frar 2013 is-somma komplessiva ta' elfejn erba' u sebghin ewro seba' u erbghin centezmu (€2,074.47) in linea ta' danni, imghax, spejjes

legali, gudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBA-376.

2. Fil-fatt gara li fis-16 ta' Novembru 2009, l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBA-376, proprjeta tal-konvenut Joseph Mifsud, misjuqa minnu u assikurata mis-socjeta attrici Elmo Insurance Limited, sfat involute f'incident awtomobilistiku fi triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara, ma vettura ta' terzi.

3. Gara izda li l-konvenut baqa ma rregistrax 'claim' wara dan l-incident skond il-polza ta' assikurazzjoni tieghu. Cio nonostante, is-socjeta attrici Elmo insurance Limited ma setghatx ma thallasx lit-terz una volta kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Permezz ta' ittra ufficjali taghha fis-6 ta' Lulju 2010, is-socjeta Elmo Insurance Limited 'inetr alia' wissiet lill-konvenut bil-konsegwenzi kollha li kien se jgarrab fil-konfront taghha fil-kaz li l-proceduri istitwiti kontrih jigu decizi kontra tieghu una volta kienu sodisfatti fil-konfront ta' Elmo Insurance Limited id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Sussegwentement ghal tali hlas, is-socjeta attrici ppresentat ittra ufficjali fit-12 ta' Gunju 2014 a tenur tal_Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut, liema ittra ufficjali giet ikkontestata.

6. Ghalhekk kellhom jigu istitwati l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju 2010, l-ispejjes tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tat-12 ta' Gunju 2014 u bl-imghax legali

b'effett mit-12 ta' Gunju 2014 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fil-11 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-konvenut bir-rispett qed jissolleva s-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ta' dan ir-rispettabbli Tribunal, a tenur ta' l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Sekda ta' l-Att dwar l-Arbitragg.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ma jezistux ir-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici fil-konfront tieghu.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fl-ahjar ipotezi ghall-attrici hija jista biss ikollha jedd ghall-ispejjez u ghall-imghaxijiet, u xejn aktar.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez kontra l-attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji taghha".

Ra l-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat, tas-somma ta’ €2,074.47c minnha sborsati fil-kawza arbitrali fl-ismijiet Thomas Smith Insurance Agency Limited et vs Joseph Mifsud et deciza fis-27 ta’ Frar, 2013. Din is-somma, kompliet tghid is-socjeta rikorrenti, tirrapresenta danni, imghax, spejjes legali, gudizzjarji u VAT li hija kienet kostretta u obbligata thallas a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-vesti taghha ta’ assikuratur tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBA-376 proprjeta ta’ l-intimat. L-intimat da parti tieghu qal li dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza rationae materiae a tenur ta’ l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba Skeda ta’ l-Att dwar l-Arbitragg. Fi kwalunkwe kaz, huwa qal li ma jezistux ir-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna fil-konfront tieghu u li bla pregudizzju ghall-premess, fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta rikorrenti, hija jista biss ikollha jedd ghall-ispejjez u ghall-imghaxijiet, u xejn aktar.

   Ikkunsidra;

2. Mill-atti tal-kawza jirrizulta s-segwenti:

   i) Il-vettura assikurata fuq l-intimat kienet involuta f’incident awtomobilistiku fi Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara fis-16 ta’ Novembru, 2009.

   ii) L-intimat kellhu polza ta’ l-assikurazzjoni fuq il-vettura tieghu IBA-376 mas-socjeta rikorrenti.

   iii) L-ebda *claim* ma saret da parti ta’ l-intimat ghar-rigward ta’ dan l-incident.

iv) L-ammont reklamat f'din it-Talba ta' €2,074.47c thallas lis-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited. Dan l-ammont huwa maghmul mis-somma ta' €977.38c li thallas bhala *sorte*; l-ammont ta' €202.56c bhala interessi mill-5 ta' Awwissu, 2010 sat-8 ta' Marzu, 2013; €865.88c bhala spejjez u drittijiet u l-ahhar ammont ta' €28.65c bhala VAT.

v) Is-socjeta rikorrenti pprocediet kontra l-intimat a bazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni li huwa kellhu maghha u talbet li huwa jroddilha l-flus li hija kienet imgieghla thallas ghan-nom tieghu fil-proceduri ta' arbitragg hawn fuq imsemmija.

vi) L-intimat ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. L-intimat fir-risposta tieghu qal li dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza *rationae materiae* a tenur ta' l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg. Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-abbli difensur tal-intimat iccita mill-artikolu imsemmi tal-Kap. 387 li jaqra hekk:

*1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*

*Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:*

*(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew*

*(b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*

*(ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*

*(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*

Kompla spjega li d-dritt ta' rivalsa tas-socjeta rikorrenti kontra l-intimat origina min talba maghmula taht dan l-artikolu. Ghalhekk, dan it-Tribunal ma kienx kompetenti *rationae materiae*.

4. It-Tribunal ra li l-argument imqanqal mill-intimat huwa wiehed interessanti ferm. Ra ukoll is-sentenza moghtija minnu, kif diversament kompost, fil-kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) noe vs Maurice Scifo Diamantino et**[1] u li minnha ma jirrizultax li sar appell. F'dik id-decizjoni inghad hekk:

"*Illi s-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid illi 't-tilwima odjerna effettivament tohrog minn ksur ta'polza assigurattiva da parti tal-konveut u mhux kollizjoni ta'vetturi....is-socjeta esponenti m'hijiex qieghda titlob illi dan it-Tribunal jiddetermina minn miz-zewg xufiera involuti kien responabbli ghall-incident'.*

*Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu jezamina jekk kienetx l-intenzjoni tal-legislatur li jkopri kawzi bhall-vertenza odjerna bl-arbitragg mandatorju.*

*It-Tribunal ihoss illi l-ligi hija cara fiha nnfisha ghaliex tghid "**kull tilwima civili jew kummercjali**, .... li tkun tilwima li **torigina** minn: (a) kollizjoni bejn vetturi"*

*Fil-kaz odjern ghalkemm il-vertenza odjerna si tratta di claim li ma kienx gie registrat mill-assikurat u ghalhekk it-talba hija ghall-rifuzjoni tas-somma ta' flus xorta wahda t-tilwima torigina minn kollizjoni bejn vetturi u li t-Tribunal jekk kellu jiddikjara li huwa kompetenti jisma' l-kaz xorta wahda jkollu jidhol fil-mertu tal-kawza orginali u cioe' l-kollizjoni u jekk*

[1] deciza fil-5 ta' Marzu, 2013 (Talba Numru. 888/2011/KPS);

*kellhiex ragun is-socjeta attrici thallas ghad-danni. It-Tribunal ihoss illi ma kienx l-intenzjoni tal-legislatur meta kiteb il-ligi ghall-arbitragg illi jispezzetta l-gurisdizzjoni billi jhalli li kazijiet bhal dawn jigu determinati mill-Qrati ordinarji.*

*Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi m'ghandux kompetenza jidhol fil-mertu tal-kaz odjern*".

5. It-Tribunal haseb fit-tul fuq dan il-punt u ra anke decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fosthom dik fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited**[2] fejn inghad li "*mill-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz tat-tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konnessjoni mhix wiehed minn dawn. Sewwa ghalhekk irraguna t-Tribunal illi dak ikkontemplat mil-ligi hija hsara kagonata bl-intervent ta' vettura u mhux hsara li tista' ssehh fuq vettura, hi x'inhi l-fonti taghha*"[3].

6. Fl-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell inghad ukoll li "*l-arbitragg prospettat taht ir-Raba' Skeda hu wiehed mandatorju impost mil-legislatur fil-kazijiet eccezzjonali hemm prospettati, ossija dwar tilwimiet dwar Condominium (subparagrafu 1.1) u tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur (subparagrafu 1.2). Trattasi ta' procedimenti, ta' indoli koercitiva, l-istess ghandhom jircievu interpretazzjoni ristrettissima. Dan qed jigi rilevat in kwantu l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem*

---

[2] deciza fit-23 ta' Ottubru, 2009 (Appell Civili Numru. 13/2009/PS);

[3] Dan il-hsieb ta' dik il-Qorti ta' l-Appell gie ikkonfermat f'sentenzi ricensjuri fosthom **Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Gzira** deciza fis-27 ta' Ottubru, 2015 (Appell numru: 21/2012AE); **Awtorita ghat-Trasport f'Malta vs Stephen Mifsud** deciza fis-7 ta' Dicembru 2015 (Appell numru: 568/2012AE) u **Kevin Micallef vs Gasan Mamo Insurance Ltd et** deciza fit-22 ta' Frar 2016 (Appell numru: 357/2011AE);

*konsona mar-raguni u, f'dan il-kaz, ma jidhrux li huma ragonevoli, proprju f'materja eccezzjonali u ta' imposizzjoni mandatorja, illi jigu ammessi estensjonijiet ta' kontroversji li l-istess legislatur ma kkontemplax*".

7. Illi ghalhekk huwa ma jistax jaqbel mad-decizjoni moghtija min dan it-Tribunal, kif diversament kompost, fil-kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) noe vs Maurice Scifo Diamantino et**. Hawn ghadna kwistjoni bejn l-assikurat u l-assikuratur tieghu. Hija kwistjoni dwar il-polza ta' l-assikurazzjoni li hemm bejn il-partijiet. Dik il-polza torbot lill-partijiet u s-socjeta rikorrenti qeghda tressaq il-pretensjonijiet taghha kontra l-intimat a bazi ta' l-istess polza. Il-kwistjoni bejn il-partijiet ma hijiex, fil-fehma tat-Tribunal, wahda minn dawk il-kontroversji li l-legislatur irrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg l-ghaliex hawn ma ghadniex kwistjoni dwarincident tat-traffiku li kkaguna dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Hawn ghadna kwistjoni dwar il-polza ta' assikurazzjoni li l-intimat ghandu mas-socjeta rikorrenti u li permezz taghha, l-istess socjeta rikorrenti qeghda tavvanza pretensjonijiet fil-konfront tieghu b'dawn il-proceduri.

8. Ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mill-intimat f'dan ir-rigward u qieghed konsegwentement jichad l-eccezzjoni tieghu mqanqla f'dan ir-rigward u konsegwentement qieghed jiddikjara ruhhu bhala kompetenti sabiex jiddeciedi din il-kwistjoni bejn il-partijiet.

Ikkunsidra ulterjorment:

9. George Stagna Navarro, *court representative* tas-socjeta rikorrenti esebixxa kopja ta' pagna numru sbatax (17) mill-polza li biha kien marbut l-intimat li giet immarkata bhala dok. GSN 7 (fol. 37). Il-paragrafu 4 a) ta' l-istess polza jaqra hekk: "*full details must be notified in writing to us as soon as possible after any accident which may give rise to a claim. You must not admit liability for any claim unless we ask you to do so*" (fol. 37). Qal ukoll li l-intimat ma ried jaghmel assolutament l-ebda *claim* ghar-rigward ta' dan l-

incident. Qal li minkejja dan ir-rifjut da parti ta’ l-intimat, kienu saru proceduri quddiem ic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg u l-intimat kien ikkontestah billi ressaq risposta izda huwa qatt ma attenda ghal ebda seduta u qatt ma ressaq provi. Minhabba dawn il-proceduri ta’ Arbitragg, s-socjeta rikorrenti kellha thallas l-ammont ta’ €2,074.47c, liema ammont issa qieghed jigi reklamat minghand l-intimat odjern. Dan l-ammont ta’ €2,074.47c jikkonsisti in kwantu ghal €977.38c bhala sorte, inkwantu ghal €202.56c bhala interessi mill-5 ta’ Awwissu, 2010 sat-8 ta’ Marzu, 2013, inkwantu ghal €865.88c bhala spejjez u drittijiet u in kwantu ghal €28.65c bhala VAT fuq l-imsemmija drittijiet. In kontro-ezami huwa qal li l-intimat kien qal lis-socjeta rikorrenti li “*l-karozza tieghu juzaha hu biss pero ma kellux x’jaqsam mal-incident in kwistjoni*” (fol. 19). Mistoqsi x’kienet ir-raguni l-ghala s-socjeta rikorrenti ma kkontestatx l-arbitragg li kien sar ghar-rigward ta’ dan l-incident huwa qal li ma kienx f’posizzjoni li jwiegeb ghal din il-mistoqsija u ma kienx jaf ir-raguni l-ghala gara hekk. Qal li s-socjeta rikorrenti pero kienet infurmat lill-intimat li kien hemm proceduri bejn iz-zewg kumpaniji assikurattrici u li “*jekk il-proceduri jkunu kontra taghna allura ahna konna sejrin inzommuh responsabbli ghad-danni sofferti*” (fol. 42). Ix-xhud stqarr li l-bazi tat-talba odjerna huwa l-paragrafu 4 a) tal-polza ta’ l-assikurazzjoni u li gie ccitat aktar il-fuq. Qal ukoll li l-polza tobbliga lill-klijent taghhom li hekk kif huwa jircievi xi att gudizzjarju, huwa kellhu jinfurma lis-socjeta rikorrenti immedjatament. Zied ighid li l-intimat ma kienx qalilhom li kien ircieva l-proceduri ta’ l-arbitragg u likieku l-ispejjez thallsu dak-in-nhar dawn kienu jkunu ferm inqas. Stqarr li s-socjeta minnu rapprezentata kienet sejra tammetti t-tort u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tidhol fi spejjez ta’ arbitragg (fol. 43). Minkejja li s-socjeta rikorrenti ppruvat taghmel min kollox sabiex l-intimat jaghmel il-*claim*, dan baqa ma ghamel xejn min dan.

10.F’din il-kawza, s-socjeta rikorrenti bhala assiguratrici qeghda titlob il-hlas tas-sorte, ta’ l-imghax u ta’ l-ispejjez ammontanti ghas-somma ta’ €2074.47c minghand l-assigurat taghha, l-intimat odjern. Hija qeghda tishaqq li l-intimat ma tahiex avviz kif tirrikjedi l-ligi dwar dan l-incident u hija sfat

imgieghla thallas ammont izjed milli kienet lesta li thallas ghar-rigward ta' dan l-incident. Fil-fatt George Stagna Navarro fid-deposizzjoni tieghu ta' l-24 ta' Novembru, 2015 qal li "*ahna konna ser nammettu t-tort u ghalhekk ma kellniex ghalfejn nidhlu fi spejjez t'arbitragg*" (fol. 43). It-Tribunal qieghed jifhem li allura hawn ma hawnx kwistjoni dwar is-sorte l-ghaliex dan kien ser jithallas f'kull kaz mis-socjeta rikorrenti l-ghaliex hija kienet lesta li tammetti t-tort ghal dan l-incident. Il-kwistjoni kienet pero dwar l-ispejjez zejda li huma gew imgieghla jhallsu minhabba li l-proceduri ta' l-arbitragg gew mibdija u decizi. Ta min jirrileva ukoll li s-socjeta rikorrenti ma mxietx bil-prodenza ta' missier tajjeb tal-familja fil-kaz li kien hemm quddiem l-Arbitragg l-ghaliex minkejja li hija giet notifikata, hija baqghet ma resqet l-ebda risposta ghar-rigward. F'kull kaz, is-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 15 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*L-assiguratur awtorizzat ikollu l-jedd jirkupra l-ispejjeż legali u ġudizzjarji u l-imgħax mingħand il-persuna assigurata, jekk:*

*(a) l-assiguratur ikun ipprovda lill-persuna assigurata b'informazzjoni bil-miktub f'forma li tiftiehem sew dwar il-konsegwenzi tal-oġġezzjoni tiegħu; u*

*(b) il-persuna assigurata tkun oġġezzjonat għat-talba għad-danni; u*

*(ċ) il-persuna assigurata tinsab responsabbli f'sentenza finali:*

*Iżda l-assiguratur awtorizzat ikollu biss jedd jirkupra dawk l-ispejjeż u mgħax li jintefqu waqt il-proċedimenti li jwasslu għas-sentenza finali u dan fi proporzjon għar-responsabbiltà tal-persuna assigurata skont ma jiġi stabbilit mis-sentenza finali*".

11. Mil-provi migbura f'dwn il-proceduri irrizultaw l-ewwel zewg elementi ta' dan is-sub-artikolu tal-ligi. L-intimat gie notifikat bl-ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju, 2010 (fol. 21) fid-9 ta' Lulju, 2010 (fol. 22) u b'hekk l-ewwel rekwizit gie sodisfatt. L-intimat ressaq risposta fil-proceduri ta' l-arbitragg li gew intavolati kontrih u b'hekk it-tieni rekwizit ta' l-imsemmi sub-artikolu

gie ukoll sodisfatt. Ghar-rigward tat-tielet rekwizit u cioe li l-persuna assigurata, fil-kaz taghna, l-intimat odjern, tinsab responsabbli f'sentenza finali fit-trattazzjoni inghad, ghar-rigward ta' dan l-ahhar rekwizit li l-intimat ma kienx instab responsabbli ghal dan l-incident. Dan peress li skont ma jirrizulta mill-lodo ta' l-arbitragg l-Arbitru laqa' l-ewwel talba u iddikjara "*illi s-sewwieq tal-vettura IBA-376 (assikurata mis-socjeta Elmo Insurance Ltd) kien responsabbli ghall-incident meritu ta' dan l-Arbitragg li sehh fis-16 ta' Novembru 2009 f'Birkirkara li fih sofriet hsara l-vettura ROM-288*" (fol. 31). It-Tribunal pero jaghmel referenza ghal dak li qal ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, George Stagna Navarro fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2015 meta gie mistoqsi x'kien qal l-intimat lis-socjeta rikorrenti meta huwa kien qieghed jghid li ma riedx jammetti assolutament it-tort u cioe li "*illi l-karozza tieghu juzaha hu biss pero ma kellux x'jaqsam mal-incident in kwistjoni*" (fol. 19). Ghalkemm ix-xhud qal li din l-informazzjoni tirruzlta mill-PEERS Report, tali rapport baqa qatt ma gie esebit f'dawn il-proceduri. Minkejja dan, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita min dak li qal dan ix-xhud fir-rigward. Illi ghalhekk, galadarba l-vettura li sfat involuta fl-incident in kwistjoni ma kien isuqha hadd ghajr l-intimat odjern u galadarba ma huwiex ikkontestat li l-imsemmija vettura ta' l-intimat kienet involuta f'incident awtomobilistiku, it-Tribunal qieghed jifhem li l-lodo ta' l-Arbitru kien qieghed isib lill-intimat responsabbli ghal incident awtomobilistiku. Konsegwentement anke dan it-tielet rekwizit tas-sub-artikolu citat huwa sodisfatt.

12. Is-socjeta rikorrenti talbet ukoll il-hlas tas-sorte, izda kif diga rajna, l-artikolu 15 (5) tal-Kap. 104 jaghti biss id-dritt lill-assiguratur il-jedd li jirkupra l-ispejjeż legali u ġudizzjarji u l-imgħax mingħand il-persuna assigurata u li dawk l-ispejjeż u mgħax li jistghu jigu rkuprati huma biss dawk li intefqu waqt il-proċedimenti li jwasslu għas-sentenza finali. Ghalhekk, l-ammont ta' €977.38 dovut bhala sorte ma huwiex dovut lilha izda huwa biss dovut l-ammont ta' €1,097.09c inkwantu ghal €202.56c bhala interessi mill-5 ta' Awwissu, 2010 sat-8 ta' Marzu, 2013, inkwantu ghal

€865.88c bhala spejjez u drittijiet u in kwantu ghal €28.65c bhala VAT fuq l-imsemmija drittijiet.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni mqanqla mill-intimat ghar-rigward tan-nuqqas ta' kompetenza tieghu, qieghed jichad it-tieni eccezzjoni tieghu u filwaqt li jilqa t-tielet eccezzjoni, jikkundanna lill-istess intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' elf sebgha u disghin euro u disa' centezmi ta' euro (€1,097.09c) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-intimat u ghar-rimanenti terz mis-socjeta rikorrenti.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**